# Evangelion

Sena 2013-2014 Ħarġa 37 April 2014

AĦBARIJIET U AVVIŻI MILL-MOVIMENT KERŸGMA

**NADURAW biex NEVANĠELIZZAW**

Il-Ħamis 3 ta' April, lejliet l-ewwel Ġimgħa tax-xahar se nagħmlu adorazzjoni mall-FAMILJI TAGĦNA biex speċifikament tgħinna u tagħtina l-qawwa fl-evanġelizzazzjoni li mitlubin nagħmlu fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Inħeġġu lil kulħadd biex jattendi. Nibdew bil-quddiesa fis-6.30pm u wara issir l-adorazzjoni bejn is-7pm u s-7.30pm. Waqt l-adorazzjoni tingħata barka personali fuq kull wieħed u waħda minna. Ma nfallux dawn il-mumenti qawwija ta' qima lil Alla speċjalment f'dan iż-żmien qaddis tar-Randan.

IL-MEJDA TKELLIMNA

Il-wirja "Il-Mejda Tkellimna" se terġa tittella' mill-Moviment Kerygma, din id-darba fiċ-Ċentru tal-Moviment stess. Din se ssir bejn is-Sibt 12 u il-Ġimgħa 18 ta' April. Il-wirja se tinfetaħ uffiċċjalment u titbierek minn Fr Charles Fenech nhar il-Ġimgħa 11 ta' April wara l-quddiesa tas-6.30 pm. Il-membri huma mistiedna biex jattendu. F'din il-ġurnata ma' jkunx hemm il-laqgħat tas-soltu tat- tlett gruppi.

Il-wirja tinfetaħ għall-pubbliku f'dawn il-ġranet u ħinijiet:

| | |
|---|---|
| Is-Sibt 12 u l-Ħadd 13: | mid-9.00 am sal- 12.00pm u mill-5.00 pm sat-8.00pm |
| It-Tnejn 14, it-Tlieta 15 u l-Erbgħa 16: | mill-5.00 pm sat-8.00pm |
| Il-Ħamis 17: | mis-7.00 pm il-quddiem |
| Il-Ġimgħa 18: | mit-8.00 am sal-12.00 pm |

Apparti l-aħħar ċena, se jkun hemm ukoll il-Qabar ta' Kristu u s-Sepulkru.

Se jkun hemm ukoll Cafeteria b'ikel tradizzjonali Malti għal żmien ir-Randan kif ukoll stand b'kotba reliġjuzi. Ħadd m'għandu jitlifha.

ADORAZZJONI TAL-**WIĊĊ TA' KRISTU**

Il-Ħamis 17 ta' April, Ħamis ix-Xirka, se nagħmlu l-adorazzjoni tal-Wiċċ ta' Kristu fiċ-Ċentru tal-Moviment. Din tibda fl-10.30 pm. Iħeġġu lil kulħadd biex jattendi.

**LAQGĦAT TAL-ĠIMGĦA**

Fil-11 u t-18 ta' April 2014, il-laqgħat ta' kull ġimgħa mhux se jsiru minħabba l-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa li semmejna aktar il-fuq. Il-laqgħat jerġa jibdew minn nhar il-Ġimgħa 25 ta' April 2014.

Moviment Kerygma, Ċentru Kulturali Kerygma, Kunvent Patrijiet Dumnikani, Misrah San Duminku, Rabat RBT 2521
Tel: 21459942; www.kerygma.org.mt info@kerygma.org.mt movimentkerygma@gmail.com
Moviment Kerygma (VO/0135)

## ATTIVITIJIET OĦRA

L-**EWWEL ĦADD TAX**-XAHAR - 6 ta' April 2014

Il-quddiesa tal-10.00am li se ssir fil-Knisja ta' San Duminku r-Rabat fis-6 ta' April se tkun animata mill-Kor ta' Moviment Kerŷgma - Christour Children's Choir bħal ma' ssir f'kull l-ewwel Ħadd tax-xahar. Tfal li jixtiequ jingħaqdu ma' dan il-kor, jistgħu jattendu għal *audition* waqt il-ħin tar-rehearsals, li jsiru kull nhar ta' Tlieta fil-Knisja ta' San Dumniku, Rabat fis-7.00pm.

IT-**TIELET ĦADD TAX**-XAHAR - 20 ta' April 2014 - **ĦADD IL-GĦID**

Il-quddiesa tal-10.00am nhar Ħadd il-Għid li se ssir fil-Knisja ta' San Duminku r-Rabat se tkun animata mill-Kor tal-Adulti tal-Moviment Kerŷgma. Inħeġġu lil kulħadd biex jattendi.

Jekk hemm xi żgħażagħ jew adulti li jixtiequ jingħaqdu ma' dan il-kor jistgħu jattendu għal *audition* waqt il-ħin tar-rehearsals. Dawn isiru kull nhar ta' Tlieta fiċ-Ċentru tal-Moviment fis-7.00pm.